# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.

## Rikors Nru.: 47/2017/RM

**Maria Speranza Magro u, okkorrendo, zewgha Nicholas Magro**

**Vs**

**Mary Duca**

## Illum, 25 ta' Gunju 2019

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Maria Speranza Magro fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' disat elef u tliet mitt Ewro (€9300) rapprezentanti l-valur tal-oggetti tad-deheb u hagar prezzjuz misruqa minnha mid-dar tal-mejta Josephine sive Guza Cacciattolo, li taghha l-attrici hija unika werrieta, jigifieri

mill-fond 11, Drake, Triq Bormla, Rahal Gdid, liema serq twettaq minnha kif hija stess ammettiet mal-pulizija.

Bl-imghax mis-26 ta' Jannar 2016 u cioe' d-data meta hija ammettiet fi stqarrija maghmula minnha lill-pulizija li serqet l-imsemmija oggetti tad-deheb u hagar prezzjuz minn dar omm l-attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Deskrizzjoni pprezentat kontestwalment u dawk tal-Mandat ta' Qbid prezentat kontestwalment.

Rat ir-risposta tal-konvenuta Mary Duca pprezenta nhar il-25 ta' April fejn hija eccepiet:

*"1. Illi t-talbiet attrici kif proposti kontra taghhna huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigi michuda bl-ispejjez stante li hija ma kkommetiet l-ebda serq u lanqas ammettit tali serq mill-fond numru 11 Drake, Triq Bormla Rahal Gdid a skapitu ta' Josephine Cacciattolo.*

*2. Illi minghajr pregudizzju tar-rapport, l-attrici trid tipprova li hija l-werrieta tal-mejta Josephine Cacciatolo oltre l-ezistenza u konsistenza tal-oggetti allegatament percepiti mill-eccipjenti.*

*3. Illi fi kwalunkwe kaz l-interessi mhux dekoribbli mid-data indikata mill-attrici.*

*4. Illi l-kap tal-ispejjez ghandhu jigu unikament sopportat mill-attrici stante li tali proceduri saru minghajr pre-avviz kif ukoll inutilment.*

*5. Salv u eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet ta' assenjazzjoni moghti mis-S.T.O il-Prim'Imhallef b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Rat il-provi u dokument kollha esebiti;

Rat ix-xhieda moghtija mill-attrici fl-udjenza tat-8 ta' Gunju 2017 u semghet ix-xhieda tal-Ispettur Kylie Borg fl-24 ta' Ottubru 2018;

Rat id-depozizzjonijiet tal-konvenuta fl-udjenzi tat-8 ta' Novembru 2017, tal-24 ta' Jannar 2018, kif ukoll tad-29 ta' Novembru 2018;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mill-attrici fit-28 ta' Frar 2019;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenuta, ipprezentata fid-29 ta' Marzu 2019;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu li l-konvenuta tigi kkundannata thallas il-valur tal-oggetti ta' deheb u gojjellerija li hija allegatament serqet minghand Josephine sive Guza Cacciattolo minn gol-fond 11, Drake, Triq Bormla, Rahal Gdid. L-azzjoni saret mill-attrici Maria Speranza Magro fil-kwalita` taghha bhala l-unika werrieta universali tal-imsemmija Josephine Cacciattolo.

Mill-provi jirrizulta illi l-konvenuta kienet tiehu hsieb omm l-attrici, l-imsemmija Josephine Cacciattolo, billi kienet tmur ghandha kuljum tghinha, tahslilha u zzommilha kumpannija. Il-konvenuta fix-xhieda taghha quddiem il-Qorti stqarret illi huwa minnu li hija kienet hadet xi affarijiet tad-deheb li jappartjenu lill-imsemmija Josephine Cacciattolo, u stqarret ukoll li hekk kif l-attrici infurmatha li d-deheb kien taghha u mhux ta' ommha, qaltilha li kienet disposta li troddilha lura l-valur tad-deheb.

Mill-atti jirrizulta wkoll illi kienu ttiehdu proceduri kriminali kontra l-konvenuta in konnessjoni ma' dan is-serq, fejn kienet instabet hatja ta' serq aggravat ta' deheb a dannu tal-attrici u/jew ta' ommha Josephine Cacciattolo, u giet ikkundannata b'sentenza tat-28 ta' Settembru 2017[1].

Il-konvenuta fix-xhieda taghha[2] fissret ulterjorment illi ghalkemm huwa minnu li kienet hadet diversi effetti tad-deheb, omm l-attrici kienet ukoll tatha minn jeddha

[1] Fol. 25 *et seq*.

[2] Xhieda 8 ta' Novembru 2017.

xi deheb liema deheb izda, hija lahqet bieghetu lil certu Lanzon Jewellery gewwa Rahal Gdid u ma ghandhiex ricevuti. Din il-verzjoni hija in sostanza l-istess wahda li l-konvenuta kienet tat fl-istqarrija li rilaxxat lill-Pulizija in segwitu ghar-rapport li ghamlet l-attrici rigward is-serq tal-gojjellerija u deheb ta' ommha, liema stqarrija giet rilaxxata fl-20 ta' Jannar 2016 bid-debiti salvagwardji tad-dritt ghal smigh xieraq. F'din l-istqarrija il-konvenuta, filwaqt illi ammettiet illi kienet hadet xi oggetti tad-deheb ad insaputa ta' omm l-attrici, qalet li l-istess Guza Cacciattolo kienet minn jeddha taghtiha xi deheb bhala rigal.

Kif gie osservat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **George Busuttil vs Mario Muscat et**[3], wara li ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Carbonaro vs Ryan**, deciza fit-28 ta` Jannar, 2004:-

"*Gudikant f`kawza civili jista` jaghmel riferenza ghall-provi raccolti fil-procedimenti kriminali, u s-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti hija ammissibbli bhala prova (ara wkoll "Briffa vs Abela", deciza wkoll minn din il- Qorti fit-28 ta` Marzu, 2003).*"

Mizmum ferm ix-xhieda tal-konvenuta fil-proceduri odjerni u l-kontenut tal-istqarrija taghha, din il-Qorti ftit ghandha dubju illi l-konvenuta serqet diversi oggetti tad-deheb mid-dar ta' omm l-attrici. Hija ammettiet ir-responsabbilita` taghha, liema responsabbilita` tidher ukoll mill-konkluzjoni milhuqa mill-qorti ta' kompetenza kriminali fil-proceduri kriminali li ittiehdu kontra taghha[4].

Ikkunsidrat;

[3] Deciza fis-27 ta' Gunju 2006.

[4] Ara sentenza a fol. 25 *et seq*.

Madanakollu, irid jitqies ukoll il-fatt illi l-konvenuta fl-istqarrija li rrilaxxat lill-Pulizija, kienet diga` cahdet illi hija serqet l-oggetti kollha elenkati fil-list li pprezentat l-attrici f'din il-kawza. Fi kliemha stess, kif jirrizulta mill-istqarrija, hija qalet li Guza Cacciattolo kienet tatha "*xi hamsa jew sitt affarijiet*". Effettivament, il-konvenuta tichad illi serqet is-segwenti oggetti u tghid illi dawn inghatawlha bhala rigal minn Guza Caciattolo:-

- "*gizirana, taghtni wahda bil-pendent blue, iehor bis-salib, u curkett, dawk zgur.*"
- "*kocc imbarazz, kienu misluta wahda, u kienet taghthomli. Kien hemm xi labra u xi pendent b'holqa tonda.*"

Imbaghad, meta xehdet minn jeddha fil-kawza odjerna, il-konvenuta mmarkat fuq kopja[5] tal-lista esebita mill-attrici - liema lista fiha deskrizzjoni dettaljata ta' kull oggett allegatament nieqes mid-deheb ta' Guza Cacciattolo – total ta' tmien oggetti li hija tghid li nghatawlha bhala rigal minn omm l-attrici, u dan fuq medda ta' ghaxar snin. Dawn huma:-

- *Gizirana ta' tul (40 cm) app. – 290 Euro.*
- *Labra tan-nisa (tal-pavru) b'hagra blue – 300 Euro*
- *Curkett tan-nisa b'hagra blue – 190 Euro.*
- *Curkett tal-irgiel kwadru fit-tawwali fuqi kellu qisu s-salib ta' tmien ponot – 290 Euro.*
- *Curkett antik ovali b'hagra f'lewn is-sadid fil-kannella b'kitba jew salib lhudi – 300 Euro.*

[5] Dok. MD1 a fol. 72 *et seq*.

- *Cappetta tan-nisa minghajr domna mdendla – 190 Euro.*
- *Par imsielet (qishom pezz ta' sulfarini) twal – 230 Euro.*
- *Imsielet tawwalini bi 3 fosos – 250 Euro.*

Ghalkemm hija l-fehma tal-Qorti illi l-verzjoni tal-konvenuta illi uhud mill-oggetti li allegatament instabu neqsin wara l-mewt tal-allegata derubata inghataw bhala donazzjoni u ma gewx misruqa, hija wahda pjuttost odjuza ghaliex fic-cirkostanzi, wara l-mewt tad-derubata, difficilment tista' tigi kuntrastata, **xorta wahda l-attrici, fid-dawl ta' din il-verzjoni, tibqghalha l-oneru li turi illi effettivament, l-oggetti elenkati fil-lista esebita in atti, mhux biss kellhom ikunu ezistenti fil-patrimonju u pussess ta' ommha fid-data tal-mewt taghha, izda wkoll illi nsterqu <u>kollha</u> mill-konvenuta**.

Ikkunsidrat;

Izda l-attrici fit-testimonjanza xotta taghha f'din il-kawza, ma qalet xejn dwar meta saret taf illi l-oggetti indikati fil-lista li esebiet fl-atti, naqsu mid-dar ta' ommha, u lanqas fissret ghaliex dawn l-oggetti kellhom ikunu fil-pussess ta' ommha. Ma jirrizultax lanqas mill-provi li ressqet l-attrici meta u minn min gie kompilat dan l-inventarju, x'taghrif intuza biex jigi kompilat, jew kif inhadmu l-valuri attribwiti lil kull oggett. Zewgha Nicholas Magro, li jidher li ffirma wkoll fuq wiehed mill-elenki, lanqas xehed f'dawn il-proceduri.

Konformement, il-Qorti ma tqisx li huwa f'loku dak li gie sottomess mill-attrici fin-nota ta' sottomissjoniijet taghha, cioe` illi hija ppruvat illi d-deheb li kien hemm fid-dar ta' omma l-attrici ma nstabx: il-Qorti ghandha biss l-ammissjoni tal-

konvenuta illi hadet diversi oggetti tad-deheb mid-dar ta' omm l-attrici minghajr ma kellha jedd, izda ma ghandhiex ammissjoni **assoluta** illi hija hadet id-deheb **kollu** li hemm indikat fil-lista esebita[6].

Huwa evidenti illi l-attrici, in sostenn tat-talbiet taghha f'din il-kawza, tistrieh **esklussivament** fuq is-sejbien ta' htija tal-konvenuta ghar-reat ta' serq permezz tas-sentenza tat-28 ta' Settembru 2017. Madanakollu, il-Qorti tqis illi anke kieku l-attrici xehdet quddiem il-Qorti u kkonfermat illi d-deheb kollu ta' ommha sparixxa kollu mill-post fejn kien jinzamm – haga li m'ghamlitx – dan ma jindikax awtomatikament li dan id-deheb, **kollu kemm hu**, spicca f'idejn il-konvenuta. Huwa minnu, kif diga` nghad, illi l-konvenuta kkonfermat li hadet, minghajr ma kellha l-jedd, diversi effetti tad-deheb minghand Guza Cacciattolo fosthom uhud mill-oggetti elenkati l-inventarju esebit mill-attrici; madanakollu, din ix-xiehda tal-konvenuta trid tittiehed fl-isfond li hemm prova[7].

Ikkunsidrat;

Fl-istqarrija taghha l-konvenuta **ammettiet** li hadet bla jedd, is-segwenti oggetti specifici:-

- *Curkett tal-iskorpjun u crieket;*
- *Crieket tal-irgiel;*
- *Imsielet: misluta wahda tal-gahwar forma ta' fjura u misluta b'disinn maqlugh 'il barra.*

---

[6] Jigi osservat ukoll illi l-attrici lanqas hija korretta meta fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha qalet li gabet prova illi hija kienet ipprezentat l-inventarju in kwistjoni fil-proceduri kriminali: dan ma jirrizultax mis-sentenza, u lanqas jirrizulta illi l-konvenuta kienet ammettiet ghall-akkuzi jew illi kienet serqet l-oggetti kollha li gew indikati fuq xi lista partikolari.

[7] Ara fir-rigward: **Alfred Agius vs Angelo Cutajar et –** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Settembru 2006.

Izda l-Qorti tosserva illi fix-xhieda taghha quddiem il-Qorti l-konvenuta stqarret li kienet taqbad u tiehu xi haga kull meta kien ikollha bzonn u dan biex issarrafha fi flus. Qalet ukoll illi kienet hadet borza mimlija bil-bicciet tad-deheb u meta giet mistoqsija mill-Qorti biex tindika minn fuq il-lista liema kienu l-oggetti li hija kienet serqet, hija ma setghetx taghmlu ghaliex ma kienetx taghti kaz x'kienet tiehu: "*Anqas kwazi naf x'inhuma jien*". Dan kollu jikkonvinci lill-Qorti illi l-konvenuta hadet minghand id-derubata **hafna iktar oggetti minn dawk li indikat originarjament fl-istqarrija taghha**.

Madanakollu, fl-istess hin, il-Qorti ma thossx li ghandha tiskarta l-verzjoni tal-konvenuta illi, ghalkemm serqet diversi oggetti minghand omm l-attrici, u ddeskriviet ukoll b'certu precizjoni uhud mill-oggetti li hadet minghajr ma qaghdet tillimita ruhha ghal dawk ta' valur zghir, qalet ukoll illiGuza Cacciattolo kienet tatha minn jeddha xi effetti minn dawk elenkati fl-inventarju esebit fl-atti, bhala rigal. Kif inghad diga`, il-konvenuta cahdet konsistentement illi hija hadet l-oggetti **kollha** l-ohra elenkati fil-lista esebita mill-attrici, tant illi tghid li c-cintell ta' mal-ghonq, li huwa l-ewwel oggett elenkat fuq il-lista, qatt ma ratu u tichad ukoll li qatt kien ghand Guza Cacciattolo:-

*"Dak qatt ma rajtu u ommha kienet tghidli li dak zewgha qed jixtrilha l-affarijiet ghal mieghu allura ma jistax ikun li kien hemm zgur qatt.*"

Xehdet ukoll illi hija qatt ma rat ghand omm l-attrici, il-girakoll elenkat fil-lista esebita in atti u cahdet illi Guza Cacciattolo kellha xi girakoll.

Ikkunsidrat;

Il-QortI tqis illi l-unika prova li hemm fl-atti dwar l-oggetti attwalment misruqa mill-konvenuta hija effettivament il-konfessjoni parzjali tal-konvenuta illi hija serqet ammont ta' deheb u gojjellerija, u xejn iktar. Fin-nuqqas ta' provi ohrajn, il-Qorti ma taqbilx illi tista' twarrab kompletament dak li xehdet il-konvenuta billi tqis il-konfessjoni taghha bhala wahda assoluta meta huwa evidenti illi l-konvenuta kienet konsistenti fil-verzjoni taghha illi hija ma serqitx kollox.

Il-Qorti ghal dawn ir-ragunijiet, filwaqt li hi tal-fehma li l-konvenuta giet moghtija biss l-effetti tad-deheb minnha indikati fix-xhieda taghha f'din il-kawza[8], hija tal-fehma illi **l-oggetti l-ohra kollha elenkati fl-inventarju - ghajr ghall-ewwel oggett li l-konvenuta cahdet li kien ghand omm l-attrici, anzi tghid illi kien ghand l-attrici stess - ittiehdu mill-konvenuta minghajr ebda jedd u kwindi ghandha trodd il-valur ta' dawn l-oggetti lil min ghandu jedd ghalihom**.

Ikkunsidrat;

Stabbilit dan izda, jirrizulta illi l-azzjoni tal-attrici tirriskontra diffikolta` ohra meta wiehed iqis il-provi li l-istess attrici ressqet in sostenn tat-talba taghha ghall-hlas tal-valur tal-oggetti li allegatament insterqu mill-konvenuta. Dan ghaliex kull ma ghandha quddiemha l-Qorti huwa fotokopja ta' inventarju b'valuri indikati riferibbilment ghal kull oggett imnizzel fil-lista, u x-xhieda tal-attrici fejn ikkonfermat it-total tal-valuri indikati fil-lista, **u xejn iktar**.

Ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li l-oneru tal-prova anke fir-rigward tal-valur tal-oggetti allegatament misruqa, liema prova hija **fondamentali** ghas-success tat-talba attrici ghall-hlas tal-valur tal-oggetti allegatament misruqa, jinkombi fuq min jallega l-fatt u mhux fuq min jinnegah. Ghalhekk, f'dan il-kaz, **l-oneru tal-prova**

[8] Xhieda tad-29 ta' Novembru 2019.

**tas-serq u tal-oggetti misruqa**, **kif ukoll tal-valur ta' dawn l-oggetti**, jinkombi strettament fuq l-attrici. Kif inghad, ghalkemm hemm provi bizzejjed li l-konvenuta kkommettiet serq, u li serqet uhud mill-oggetti indikati fid-dokumenti esebiti mill-attrici[9], l-istess ma jistax jinghad fir-rigward tal-valur tal-oggetti.

Fis-sentenza taghha tal-31 ta' Ottubru, 2003, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili qalet hekk:-

"*Illi in tema legali, il-Qorti tosserva li d-dubju f'dan ir-rigward ghandu jmur favur l-konvenut in kwantu huwa l-obbligu tal-attur li jipprova l-allegazzjonijiet tieghu; u dan fuq l-istregwa tal-massima: incumbit probatio ei qui dicit non ei qui negat*

…

*Illi l-Qorti tosserva li in materja ta' prova, ir-regola hi li sabiex il-provi ikunu sostenibbli ghandhom ikunu sodisfacenti u tali li jikkonvincu lil Qorti gudikanti li l-livell tal-valur probatorju ikun wiehed ragjonevolment accettabbli. "Il-kawzi ma jinqatghux fuq supposizzjonijiet [jew kongetturi] imma fuq provi li jridu jkunu ta' certu livell u li jissodisfaw lill-Qorti min ghandu l-oneru li jipprova xi fatt partikolari". [Vol.LXXXII.II.210]."*[10]

Ghalkemm il-qorti ta' kompetenza kriminali fis-sentenza li kkundannat lill-konvenuta ghas-serq ta' oggetti appartenenti lil Josephine Cacciattolo, ghamlitha car illi kwantu ghad-determinazzjoni tal-valur tar-*res furtiva*, dan l-ezercizzju ghandu jsir mill-qorti civili kompetenti, ma jidhrix illi l-attrici ghamlet dan l-ezercizzju diligentement. Il-Qorti hija tal-fehma li l-prova diretta sabiex jigi stabbilit il-valur tal-oggetti li l-attrici qed titlob il-hlas, u allura l-konsegwenzjali likwidazzjoni tad-danni, huma dghajfa u insodisfacjenti u addirittura inaccettabbli.

[9] A fol. 2 sa 5 tal-atti.

[10] **Francis Said vs Joseph Gatt, u b' digriet tat-3 ta' Gunju 1994 gie kjamat in kawza r-Registratur tal-Qor**

Il-Qorti tqis illi l-figuri indikati riferibbilment ghal kull oggetti imnizzel fiz-zewg listi esebiti in atti[11], ma jistghux jigu kunsidrati bhala bazi legalment valida ta' komputazzjoni tal-valur tal-oggetti in kwistjoni, *multo magis* meta ma jirrizultax kif inhadmu dawn il-valuri. Ma jirrizultax lanqas illi l-atturi kisbu l-parir tekniku ta' espert in materja biex jaghti mqar valur approssimattiv bi tqabbil ma' oggetti simili li, in mankanza ta' provi ohra, seta' forsi jaghti indikazzjoni tal-valur gust u reali tal-oggetti in kwistjoni. Jigi osservat illi effettivament, l-attrici lanqas xehdet biex titfa' dawl fuq kif waslet ghal dawn il-figuri u mkien fit-testimonjanza taghha ghamlet imqar referenza ghal-listi esebiti in atti.

Ghalkemm il-Qorti tirrikonoxxi illi seta' kien hemm diffikolta` prattika biex l-valur jigi verifikat bi precizjoni, billi l-oggetti m'humiex fil-pussess tal-atturi, dawn il-fatti ma jidderogawx mill-principju legali li l-oneru tal-provi tibqa' dejjem fuq l-attur, li jibqa' obbligat jressaq il-provi in sostenn tat-talbiet tieghu, liema provi iridu jkunu wkoll sodisfacjenti, u certament ma jintitolawx lill-attur jippretendi li l-prova tal-valur issir bis-supposizzjonijiet u kongetturi. Wara kollox, ma jirrizultax mill-atti li hemm xi prova illi l-konvenuta ammettiet jew weghdet illi sejra thallas lura l-valur mitlub mill-attrici jew il-valuri indikati fuq il-lista esebita.

Ghaldaqstant din il-Qorti, hija tal-fehma li t-talba ghall-kundanna ghall-hlas tal-valur tal-oggetti allegatament misruqa, ma tistax tigi milqugha, minhabba nuqqas ta' provi sodisfacjenti fl-atti fir-rigward.

Ikkunsidrat ulterjorment;

[11] A fol. 2 sa 5 tal-atti.

Stabbilit dan kollu, il-Qorti ma tistax twarrab lanqas konsiderazzjoni fondamentali ohra li twassal necessarjament u f'kull kaz ghall-falliment tal-azzjoni attrici, u dan irrispettivament mill-konsiderazzjonijiet l-ohra kollha diga` maghmula. Dan qed jinghad ghaliex **minkejja it-tieni eccezzjoni li giet sollevata mill-konvenuta fir-Risposta taghha**, l-attrici naqset milli tressaq il-prova illi bhala l-unika werrieta ta' ommha, setghet tressaq l-azzjoni odjerna ghall-hlas tal-valur tal-oggetti allegatament misruqa minghand id-defunta ommha.

Il-Qorti tosserva illi l-fatt li l-attrici Maria Speranza Magro hija bint Josephine Cacciattolo, ma jfissirx awtomatikament li hija l-eredi taghha jew li accettat l-eredita` ta' ommha: ghalkemm l-oneru tal-prova kien jinkombi fuq l-atturi, ma ngabitx prova u ma jirrizultax mill-atti li l-attrici hija effettivament il-werrieta ta' ommha. Ezami tar-Rikors promotur ta' din l-azzjoni ftit thalli dubju li l-azzjoni attrici hija msejsa kollha kemm hi fuq il-premessa li l-attrici qed tagixxi ghall-hlas tal-valur tal-oggetti allegatament misruqa, fil-kapacita` taghha bhala l-unika werrieta tal-mejta Josephine Cacciattolo, izda l-attrici la fix-xhieda taghha u lanqas fir-Rikors promotur ma ddikjarat li hija bint Josephine Caccaittolo u wisq anqas fissret b'liema mod ghandha titqies bhala l-werrieta, legittima jew testamentarja, taghha.

Il-Qorti tqis illi l-korollarju inevitabbli ta' dan in-nuqqas ta' prova, huwa illi l-atturi ma ressqux prova dwar l-interess guridiku taghhom f'din il-kawza. Din il-konkluzjoni hija rinforzata mill-fatt illi l-interess guridiku pretiz mill-attrici Maria Speranza Magro *qua* "*werrieta unika*" tal-mejta Josephine Cacciattolo gie specifikatament ikkontrastat mill-konvenuta bit-tieni eccezzjoni taghha li testwalment tghid hekk:-

"*Illi .... l-attrici trid tipprova li hija werrieta tal-mejta Josephine Cacciattolo.*"

Il-Qorti ma tistax tiskarta l-eccezzjoni tal-konvenuta u ghanda tiehu konjizzjoni taghha. Wara kollox, kif inhuwa ben risaput, il-htiega li fl-attur jezisti l-interess guridiku li jippromowovi l-azzjoni, tesigi li min jiftah kawza jrid juri li ghandu l-interess li mhux biss jiskaturixxi minn xi dispozizzjoni tal-ligi in kwantu dik il-ligi tkun qed tigi invokata, imma wkoll wiehed attwali u dirett. Gie ritenut illi:-

"*... min jistitwixxi azzjoni jrid bilfors ikollu xi dritt – 'l'azione civile non puo' essere promossa che per far valere un diritto, e da colui a cui il diritto spetti. Mancando l'uno e l'altro di questi requisiti, l'azione e' infondata ed inammissibile*'[12].

F'dan il-kaz m'hemmx dubju illi l-atturi kellhom kull opportunita` u kienu appuntu imsejhin biex jepuraw l-istat ta' werrieta vantat mill-attrici, u jgibu prova konkludenti dwar l-interess guridiku biex tigi proposta l-azzjoni izda minflok, ghazlu li ma jaghmlu xejn fir-rigward. Il-Qorti zgur mhux sejra taghmel kongetturi u presunzjonijiet li ma gewx sorretti mill-provi biex tiddetermina it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta ghaliex l-inferenza qatt ma hija bizzejjed biex jigi determinat l-ezistenza ta' jedd.

Kif gie ritenut recentenement mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Emily Stivala et vs Paola Tabone** li ttrattat eccezzjoni analoga ghal dik in ezami:-

*"Minn ezami tal-atti processwali disponibbli lill-ewwel Qorti diga` jirrizulta manifest illi l-atturi ma ressqu la xhieda u lanqas provi dokumentali in sostenn tal-istat minnhom vantat ta' eredi tad-decuius u dan in-nuqqas jassumi iktar relevanza u gravita` fil-qafas tal-eccezzjoni fuq riprodotta, b'liema eccezzjoni gie impost fuq*

[12] **Edgar Baldacchino et vs Rosie Bellizzi et**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Lulju 1952.

*l-atturi mhux biss l-oneru li jipprovaw l-interess guridiku taghhom fl-azzjoni minnhom proposta, izda wkoll l-oneru specifiku li jipprovaw li huma l- eredi tad-decuius Joseph Grech. Ghalhekk, fin-nuqqas ta' din il-prova, l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi."*

Il-Qorti f'dik il-kawza appena citata kkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti u ddecidiet illi fin-nuqqas tal-atturi li jressqu l-prova dwar l-interess guridiku taghhom fl-azzjoni, *multo magis* meta gew rinfaccjati b'eccezzjoni li tirrikjedi l-prova li huma l-eredi tad-*decuius*, l-azzjoni taghhom kellha tfalli.

Ghaldaqstant, il-Qorti filwaqt illi ma tistax hlief tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta, tqis konsegwentement illi fin-nuqqas assolut tal-atturi li jipproducu l-prova essenzjali li hija l-werrieta ta' Josephine Cacciattolo, l-azzjoni taghhom ma tistax tirnexxi.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt illi tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta, qieghda tichad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**